**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 5 ta' Frar, 2016**

**Il-Pulizija**

**Spettur Edel Mary Camilleri**

**vs**

**Shaun Aquilina Case**

**Zack Joseph Zammit**

**Kyle Zammit**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'

**Shaun Aquilina Case** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 141893M;

**Jack Joseph Zammit** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 366797M;

**Kyle Zammit** detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 494495M;

Akkuzati talli fl-1 ta' Mejju, 2014 ghal habta ta' 17:00hrs gewwa l-Istadju Nazzjonali li jinsab Ta' Qali L/O Attard Malta:

1. Minghajr licenzja tal-pulizija taw nar jew sparaw maskli, bombi, suffarelli jew xogholijiet tan-nar ta' kull xorta li kienu, inkella tellghu blalen tan-nar jew ingenerali ghamlu espluzjonijiet jew nar li seta' kien ta' periklu f' kull post iehor;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gabu ruhhom b' mod li setgha jinkiser il-bon ordni (LS 10.33 Sec (1))
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gabu ruhhom b' mod abbuziv (Reg 7 SL 10.33)

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huwa fil-qosor dawn li gejjin. Fl-1 ta' Mejju 2014 ghall-habta tal-5.00pm waqt li PC 987 Mark Vella Cassia u PC 1243 George Polidano kienu on duty fil-ground nazzjonali ta' Ta' Qali waqt il-

partita tal-futbol bejn Valletta FC u Sliema Wanderers FC huma osservaw minn certu distanza tliet supporters ta' Sliema FC, li wara rrizulta li kienu l-imputati odjerni, li dehru li kienu qed jaharqu xi haga ta' lewn kannella twila bejn 12 u 20 centimetru u simili ghal suffarell bi fjamma orangjo fit-tarf. Iz-zewg Kuntistabbli ndikati marru hdejn dawn it-tlett supporters u resquhom fil-VIP area sabiex ikellmuhom u t-tlett imputati mbaghad gew akkuzati bl-imputazzjonijiet odjerni.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati jinsabu akkuzati bir-reati kontemplati fl-Artikolu 24(1) tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta u fir-Regolamenti 1 u 7 tal-L.S. 10.33. Illi l-Artikolu 24(1) tal-Kap. 33 jipprovdi li hadd ma jista' jaghti nar, jispara maskli, bombi, suffarelli jew xogholijiet tan-nar ta' kull xorta li jistghu jkunu ta' periklu minghajr id-debita licenzja tal-pulizija. Mix-xhieda ta' PC 1243 u PC 987 li xehdu f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-30 t' Ottubru 2015 irrizulta li hadd minnhom ma eleva l-oggett ta' lewn kannella li huma jghidu li raw f' id it-tlett imputati minn distanza u mbaghad mal-art hdejhom meta huma avvicinawhom. Dan ifisser li dan l-oggett ta' lewn kannella fl-ebda stadju ma gie ezaminat u identifikat bhala suffarell jew xoghol iehor tan-nar minn xi espert nominat f' dawn il-proceduri. Ix-xhieda tal-imsemmija zewg Kuntistabbli li jghidu dak li raw minn distanza kien qisu suffarell zgur li ma tistax titqies bhala prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li dak li kellhom f' idejhom it-tlett imputati kien effettivament dak allegat mill-Prosekuzzjoni.

Illi inoltre mix-xhieda ta' PC 1243 u PC 987 minn imkien ma jirrizulta li t-tlett imputati b' xi mod agixxew b' mod abbuziv jew li gabu ruhhom b' mod fejn setghet tinkiser il-bon ordni.

Illi din il-Qorti tixtieq tippuntwalizza li hija setghet tistrieh biss fuq il-provi migjuba quddiemha wara li l-imputazzjonijiet inqraw mill-gdid fl-udjenza tat-30 t' Ottubru 2015.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lit-tlett imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet.

**MAGISTRAT**